**Taqsim il-ħin u s-sahriet**

**Minn Dun Pawl Sciberras**

Dwar il-ħinijiet qabel il-Rumani ma nsibux dettalji oħra ħlief li l-lejl kien jitqassam aktarx fi tliet sahriet, li ma nafux x'ħin kienu jibdew u jispiċċaw.

F'Eżodu 14:24 naqraw li *fis-sahra ta' filgħodu* l-Mulej ħarbat l-Eġizzjani li marru jilħqu lil ulied Iżrael wara li ħarġu mill-Eġittu. F'Imħallfin 7:19 naqraw li Gidgħòn u l-irgiel li kellu miegħu waslu sa tarf il-kamp tal-Midjanin bil-lejl fil-bidu *tas-sahra tan-nofs*. F'1 Samwel 11:9-11 naqraw li Sawl bil-lejl bagħat jgħid lin-nies ta' Ġábes-Gilgħàd li malli tisħon ix-xemx ikollhom is-salvazzjoni; imbagħad hu u l-poplu li kellu miegħu daħlu f'nofs il-kamp ta' Naħas l-Għammoni *fis-sahra ta' filgħodu*. Is-Salmista jgħid li għal Alla elf sena huma bħal *sahra tal-lejl* (Salm 90:4). F'Lamentazzjonijiet 2:19 l-awtur jistieden lil Ġerusalemm biex tqum bil-lejl u tgħajjat x'ħin *is-sahriet* ikunu se jibdew. U l-Mulej iridna nishru biex, jekk Sidna jiġi fil-ħin *tat-tieni sahra jew tat-tielet*, isibna xorta waħda fuq dmirna (Lq 12:37-38).

Ir-Rumani kienu jqassmu l-ġurnata f'erba' għases li flimkien kienu jagħmlu tnax-il siegħa, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m.: *l-ewwel siegħa* kienet is-6.00 a.m., *it-tielet siegħa* kienet id-9.00 a.m., *is-sitt siegħa* nofs in-nhar, u *d-disa' siegħa* t-3.00 p.m. Fl-Evanġelju naqraw li, meta sallbu lil Ġesù, mis-sitt siegħa 'l quddiem waqgħet dalma kbira sad-disa' siegħa (Mt 27:45; Mk 15:33; Lq 23:44). U fl-Atti tal-Appostli fost eżempji oħra naqraw li Pietru u Ġwanni kienu telgħin lejn it-tempju għat-talb tad-disa' siegħa (Atti 3:1). Dan it-tqassim baqa' użat fil-Knisja sa żmien il-Konċilju Vatikan II: l-Uffiċċju Divin, qabel it-tiġdid tiegħu, kien fih talba *Ad Primam* (6.00 a.m.), *Ad Tertiam* (9.00 a.m.), *Ad Sextam* (f'nofs in-nhar), u *Ad Nonam* (3.00 p.m.).

Il-jum jew in-nhar, mis-6 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija:

*l-ewwel siegħa* = mis-6.00 sad-9.00 ta' filgħodu;

*it-tielet siegħa* = mid-9.00 sa nofsinhar;

*is-sitt siegħa* = minn nofsinhar sat-3.00;

*id-disa' siegħa* = mit-3.00 sas-6.00 ta' filgħaxija.

Il-lejl ukoll kien imqasssam f'erba' taqsimiet imsejħin "sahriet":

*l-ewwel sahra* = mis-6.00 sad-9.00 ta' filgħaxija;

*it-tieni sahra* = mid-9.00 sa nofsillejl;

*it-tielet sahra* = minn nofsillejl sat-3.00;

*ir-raba' sahra* = mit-3.00 sas-6.00 ta' filgħodu.